MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2007

Numru. 370/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Joseph Cuschieri bin Manwel u Ursola nee' Vella, imwieled fid-19 ta' April, 1952 u residenti 60, Triq San Gakbu, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 31452(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Joseph Cuschieri li gie akkuzat talli nhar fl-14 ta' Marzu, 2007 ghal habta ta' 10:45hrs fin-Nadur, Ghawdex garr strument li jaqta' u bil-ponta (sikkina) minghajr ma kellu licenzja mahruga lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija:

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni;

Rat l-eccezzjoni sollevata mid-difiza;

Semghet l-provi dwar din l-eccezzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti u senjatament mix-xhieda ta’ Dr. Anton Grech psikjatra kuranti ta’ l-imputat jidher illi l-imputat ibati minn kundizzjoni ta’ skizofrenja. Jidher illi inoltre fiz-zmien ir-reat l-imputat ma kienx qed jircievi l-kura necessarja u kwindi kien qieghed ibati minn “paraniod delusions”. Jidher illi llum l-imputat qed jircievi l-kura necessarja u li l-kundizzjoni mentali tieghu marret ’il quddiem u ghalhekk il-Qorti ma tarax in-necessita’ illi l-imputat jigi rikoverat fi Sptar mentali;

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi wara li rat l-Artikoli 33 (a), 525 (3), 623 (1) tal-Kap 9 u l-Artikolu 42 (1) tal-Kap 262 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara lill-imputat mhux hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu minhabba stat ta’ genn fi zmien ir-reat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------